



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8668/19
COR 1

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0078 (NLE)

PECHE 191

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd
bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)

Il-paġni P/EU/CV/mt11 u P/EU/CV/mt17 huma sostitwiti mill-paġni meħmużin.

ARTIKOLU 7

Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u tal-miżuri tekniċi bi ftehim reċiproku

1. Il-Kummissjoni Konġunta tista' tirrevedi l-opportunitajiet tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 3 u taġġustahom bi ftehim reċiproku sa fejn ir-rakkomandazzjonijiet u r-risoluzzjonijiet tal-ICCAT jikkonfermaw li l-aġġustament jiggarrantixxi l-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet tal-ħut koperti minn dan il-Protokoll. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) għandha tiġi aġġustata b'mod proporzjonat u *pro rata temporis* u dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.
2. Il-Kummissjoni Konġunta tista', fejn meħtieġ, teżamina u tadatta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd u r-regoli għall-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previsti f'dan il-Protokoll, bi ftehim reċiproku.

ARTIKOLU 8

Promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bejniethom sabiex itejbu l-opportunitajiet għall-ħatt l-art fil-portijiet ta' Cape Verde.

ARTIKOLU 15

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar.

ARTIKOLU 16

Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika ta' Cape Verde